# Meta l-irħajjel tal-Bidnija kien jagħmel parti mill-Parroċċa tan-Naxxar

Anton Camilleri

Bħalma xi wħud jafu, fiż-żmien imbiegħed, it-territorju tan-Naxxar kien jasal saċ-Ċirkewwa u fih kien jiġbor l-irħula tal-Għargħur, il-Mosta, parti mill-Imġarr, San Pawl il-Baħar, u l-Mellieħa. Meta dawn l-irħula bdew jitwaqqfu f'parroċċi għalihom, dan it-territorju beda jonqos ftit ftit. L-aħħar parroċċa li ħadet biċċa mit-territorju tan-Naxxar kienet dik tal-Iklin, fl-2005. Biss naħseb ftit jafu li għal xi żmien l-irħajjel tal-Bidnija baqa' jagħmel parti mill-parroċċa tan-Naxxar, għalkemm il-parroċċa tal-Mosta u dik ta' San Pawl il-Baħar kien ilhom li saru parroċċi għalihom is-snin. Fil-fatt, sa ftit wara t-Tieni Gwerra Dinjija, dan l-irħajjel kien maqsum bejn il-parroċċa tan-Naxxar u dik ta' San Pawl il-Baħar.



Il-knisja tal-Bidnija.

Il-Bidnija hu rħajjel żgħir li jinsab bejn San Ġużepp tat-Tarġa - fuq ix-xellug ta' meta wieħed ikun ser iħalli l-Mosta u jmur Burmarrad - u ż-Żebbiegħ in-naħa tal-Imġarr. Fl-antik il-post kien magħruf bħala Ħal Dragu, u sa mitt sena ilu kien kollu raba' tajjeb, jissaqqa min-numru ta' għejjun, fosthom waħda magħrufa bħala l-Għajn il-Kbira. Madwarha bnew l-irziezet tagħhom l-ewwel nies li marru joqogħdu hemm. Il-biċċa l-kbira tagħhom kienu Mostin li marru hemm biex ikunu qrib ir-raba' li minnu kienu qed jaqilgħu l-għejxien tagħhom ta' kuljum. Għalkemm il-post kien jagħmel mal-parroċċa tan-Naxxar, huma baqgħu jqisu ruħhom bħala Mostin, tant li għall-quddies kienu jmorru fil-knisja tal-Mosta, u bosta minnhom kienu jilbsu ta' fratelli fil-purċissjonijiet li kienu joħorġu mill-istess knisja.



Il-pittura li turi lill-Familja Mqaddsa fil-knisja tal-Bidnija, xogħol l-artist Ġanni Vella.

Billi fil-post ma kienx għad hemm knisja, u billi kien hemm it-tul biex wieħed imur il-Mosta biex jisma' l-quddiesa, in-nies tal-Bidnija ħasbu biex jibnu waħda hemm. Għal dan ix-xogħol indaħlu Giovanni Marija Dimech u Giovanni Marija Galea, fejn ġabru l-flus u ġabu l-permessi meħtieġa. Wara li nxtrat l-art mingħand il-Gvern, Mastru Salvu Zahra għamel il-pjanta u Anton Muscat beda x-xogħol tal-bini, li wara tkompla minn Ġużeppi Zahra, ħu Salvu. Għat-tqegħid tal-ewwel ġebla kienu stiednu lill-Arċipriet tal-Mosta, Dun Pawl Mallia, u mhux lill-Kappillan tan-Naxxar. Il-knisja bdiet tinbena fl-1920 u tlestiet sentejn wara, meta tbierket mill-Arċisqof Don Mauro Caruana O.S.B., fis-26 ta' Lulju 1922, u ġiet iddedikata lis-Sagra Familja. Il-knisja għandha għamla tonda, bi tmien twieqi fit-tambur tal-koppla, b'lanterna u kampnar wieħed. Quddiemha sar zuntier



*Pittura tal-Arċipriet Dun Pawl Mallia li tinsab fis-sagristija tal-Bażilika tal-Mosta.*

u fuq wara sagristija u żewġ kmamar biex fihom joqgħod il-qassis li kellu jieħu ħsieb iż-żona. Fuq il-kampnar tpoġġiet l-istatwa li tirrappreżenta l-fidi, waqt li fuq iż-żewġ naħat tal-faċċata hemm l-istatwi ta' San Pawl u San Pietru. Fuq ġewwa hemm altar bil-kwadru titulari, li juri lill-Familja Mqaddsa, u żewġ kwadri oħra wieħed fuq kull naħa, li juru l-Madonna tar-Rużarju u l-Kurċifiss, kollha xogħol il-pittur Ġanni Vella.

Għalkemm issa kellhom knisja fejn setgħu iwettqu d-dmirijiet reliġjużi tagħhom bla ma jmorru l-Mosta, ix-xewqa tagħhom xorta baqgħet li xi darba jibdew jagħmlu ma' din il-parroċċa. Huma xejn ma kienu kuntenti li jagħmlu mal-parroċċa tan-Naxxar u jidher li l-Kappillan tan-Naxxar ma tantx kien qed jagħti kas ta' din iż-żona li kienet tagħmel mal-parroċċa tiegħu.

Dak iż-żmien il-parroċċa tan-Naxxar kienet immexxija mill-Kappillan Dun Franġisk Saverio Mifsud. Hu mexxa l-parroċċa bejn l-1903 u l-1928 meta miet fit-13 ta' Frar tal-istess sena. Lejn l-aħħar tat-tmexxija tiegħu hu kien marid, tant li fl-1926 Mifsud kien tilef id-dawl. Għalhekk hu kien talab lill-Arċisqof biex ikollu l-għajnuna. Fil-fatt, f'Ottubru tal-1926, intbagħat in-Naxxar Dun Nerik Cordina Perez, biex jgħinu fit-tmexxija tal-parroċċa,[1] u wara Mifsud, laħaq Kappillan tan-Naxxar hu.

Każ li juri li Mifsud ma kienx jersaq lejn il-Bidnija, u kemm in-nies ta' dan l-irħajjel riedu li jagħmlu mal-parroċċa tal-Mosta, ġara fl-1921 meta Giovanni Marija Dimech kien stieden lill-Arċipriet tal-Mosta, Dun Pawl Mallia, biex imur iberiklu r-razzett tiegħu fi żmien il-Għid. Mallia laqa' l-istedina u mar. Meta l-abitanti tal-post raw dan, huma wkoll stednuh biex iberkilhom ir-razzett tagħhom. L-Arċipriet tal-Mosta baqa' jmur kull sena, iżda meta l-Kappillan tan-Naxxar, Dun Nerik Cordina Perez, spiċċa u minfloku laħaq Dun Manwel Micallef fl-1934, dan deherlu li hemm kien fil-limiti tiegħu, u għalhekk beda jmur ibierek hu. Iżda n-nies tal-post xejn ma ħadu pjaċir b'dan, għax ix-xewqa tagħhom kienet li jkompli jmur l-Arċipriet tal-Mosta.

Wara li nbniet il-knisja beda jintgħażel rettur biex jieħu ħsieb iż-żona. Għall-bidu dan kien ikun qassis mill-Mosta, iżda mill-1950 beda jieħu ħsieb din il-knisja u ż-żona tal-madwar Dun Karm Zammit, qassis min-Naxxar, li baqa' jagħmel dan ix-xogħol sal-1951. Warajh laħaq Dun Karm Scerri, qassis Naxxari li dam iservi sal-1954, sa meta ġara inċident li qata' kull kuntatt tal-Bidnija minn mal-parroċċa tan-Naxxar.[2]

Wara li kien irritorna Malta minn Franza, fejn fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija kien inqabad priġunier tal-gwerra, Scerri beda jgħin fil-parroċċa tan-Naxxar. Fost id-doveri li kellu, minbarra li kien għalliem tal-mużika u organista fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Kappillan Dun Manwel Micallef kien qallu biex jibda jieħu ħsieb il-komunità tal-Bidnija. Hu aċċetta bil-qalb u fil-Ħdud u l-festi kien imur iqarar u jqaddes lin-nies ta' hemm, li kienu jgħoddu mat-tletin familja. Iżda maż-żmien Scerri beda jinduna li n-nies tal-post



*L-Arċipriet Dun Pawl Said li fi żmienu l-Bidnija ma baqgħetx tifforma parti mill-parroċċa tan-Naxxar.*

kienet qed tgerger minħabba l-ispejjeż li riedu joħorġu biex iħallsu għall-karozza li kienet tieħdu u ġġibu lura lejn in-Naxxar. Hu mill-ewwel fehem li dan kien qed isir għax in-nies ta' hemm riedu li jibdew jinqdew minn xi ħadd mill-kleru tal-Mosta, xi ħaġa li kien ilhom jitħabtu għaliha.[3]

Dan baqa' sejjer sa Novembru tal-1954, meta waqt maltempata sajjetta laqtet il-lanterna tal-koppla tal-knisja u għamlitilha l-ħsara.[4] Scerri lanqas biss kien jaf b'dak li ġara, tant li meta mar bħas-soltu biex iqaddes sab li ma setax jidħol fil-knisja minħabba l-ġebel li kien waqa' u l-periklu li kien hemm. Minn dakinhar hu ma marx iżjed, l-ewwel nett għax it-tiswijiet ħadu x-xhur biex saru, u t-tieni għax f'dak iż-żmien reġgħet qamet il-kwistjoni antika tal-limiti bejn parroċċa u oħra. Fl-aħħar l-Arċisqof Mikiel Gonzi obbliga lill-Arċipriet tan-Naxxar Dun Pawl Said biex iċedi dik il-parti miż-żona tal-Bidnija lill-Arċipriet tal-Mosta, kif fil-fatt ġara. Għalkemm Dun Karm kien intalab biex ikompli bis-servizz tiegħu, hu, għall-prudenza, ma aċċettax.[5] Fil-fatt minfloku kien inħatar Dun Anġ Camilleri, qassis mill-Mosta. Il-parti l-oħra tal-Bidnija li kienet tagħmel ma' San Pawl il-Baħar, għaddiet għand il-parroċċa tal-Mosta fl-1964. B'hekk illum il-Bidnija hi waħda minn erba' żoni pastorali fil-Mosta, kif imwaqqfa mill-Kurja f'Ottubru tal-1988.[6]



*Mons. Karm Scerri.*

**Riferenzi**


[1] Programm tal-Festa ta' Marija Bambina Naxxar, 1997, p.29.
[2] E.B. Vella u oħrajn, *Storja tal-Mosta bil-knisja tagħha* (Malta 1972), pp.444-450.
[3] K. Scerri, *Erba' snin f'kamp ta' konċentrament Ġermaniż, ġrajja awtobijografika tal-awtur*, (Malta 1971), pp.157-158.
[4] Vella, op. cit.
[5] Scerri, op. cit.
[6] Annwal tal-Festa 2015 maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika Santa Marija Mosta, Nru. 25, pp.130-134.



